



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11714/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0221 (NLE)

COASI 117	AGRI 351
ASIE 55	TRANS 521
CFSP/PESC 1057	ENV 788
RELEX 1077	ENER 389
COHOM 86	ECOFIN 794
CONOP 70	EDUC 283
COTER 201	CULT 81
WTO 137	CLIMA 390
JAI 1081	MIGR 229
DEVGEN 159	ASEM 20

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(iii) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,¹

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/...¹⁺, il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-objettiv tal-Ftehim huwa li jstabbilixxi sħubija msaħħa bejn l-Unjoni u l-Malażja u li japprofondixxi u jtejjeb il-kooperazzjonidwar kwistjonijiet ta' interess komuni, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.
- (3) Huwa l-fehim komuni tal-Partijiet għall-Ftehim li skont l-Artikolu 58(1) tal-Ftehim u skont il-Kostituzzjoni Federali tal-Malażja, in-notifika mill-Gvern tal-Malażja li tesprimi l-approvazzjoni tiegħu li jintrabat bil-Ftehim, jorbot lill-Malażja kollha kemm hi.
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/ ... ta' dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra (ĠU L [...], [...], p. [...]).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni li tinsab f' ST 11715/22 u kkompleta n-nota korrispondenti ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 11732/22.

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja min-naħa l-oħra¹, (il-"Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 58 tal-Ftehim.²

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ĠU L ... [ĠU : jekk jogħbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għal ST 11732].

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jippresjedi l-Kumitat Konġunt kif previst fl-Artikolu 50(2) tal-Ftehim. L-Unjoni jew, skont il-każ, l-Unjoni u l-Istati Membri, għandhom ikunu irrappreżentati fil-Kumitat Konġunt, skont is-suġġett.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
